# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 21/01**

**Numru 35**

**DFK (Malta)**

**vs**

**Intown Estates Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija sitta u disghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm396.75) ghal prestazjonijiet professjonali provduti lis-socjeta konvenuta fl-interess u fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-4 ta' Awissu 1999 sad-data tal-eventwali pagament. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-

Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm396.75,0 bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg